# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M, LL.D.

Seduta tat-30 ta' Jannar,2017

Appell Nru: 170/2015

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Andrea Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Andrea Bugeja detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 294561 M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Mejju 2014 ghall-habta tal-17:3ohrs u fil-jiem ta' qabel fil-fond numru 27, Triq Santa Marija, Mosta:

1) KeIlu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-iskedi II u jew III u cioe' Ajkla Bajda *Ciracaetus gallicus* (inkluz fi Skeda 1) u li ma kinux gew registrati mat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi fiz-zmien stipulat taht regolament 21 (6) tar-regolamenti ta' l- 2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' Reg 21 (5) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Ajkla Bajda *Ciracaetus gallicus* (inkluz fi Skeda 1) u Daqquqa Kahla *Cuculus canorus*, kontra id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar iI-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta Mejju, 2003 u minghajr ma inghata l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

3) ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-iskeda III u cioe' AjkIa Bajda *Ciracaetus gallicus* (inkluz fi Skeda 1) u Daqquqa Kahla *Cuculus canorus*, meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista' jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f' Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

4) ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli jzomm fil-pussess tieghu u ghal perjodu kollu li kien fil-pussess tal-kampjun kif provdut fil-paragrafi (e) u (f) il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-awtorita kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71;

Ukoll talli f' April tal-2014 gewwa kwalunkwe lok fil-Gzejjer Maltin:

5) Ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht dawn ir-regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' Daqquqa Kahla *Cuculus canorus*, jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha; Reg 4 (1) (a) tas-SL 504.71;

6) Ikkaccja jew pruva jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk msemmija fi Skeda II, u cioe' Daqquqa Kahla *Cuculus canorus*, u dan bi ksur tar-regolament 5 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat LS. 504.71;

7) Ikkaccja minn fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe' Daqquqa Kahla *Cuculus canorus*, bi ksur tar-reg. 5 (3) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S. 504.71;

8) Ikkaccja jew prova jikkaccja, ha jew prova jiehu b' xi mezz, xi ghasfur meta ma kienx jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenzja u f' kull ligi ohra u cioe' ikkacjajt ghasfur li ma huwiex Gamiem jew Summien bi ksur ta' kundizzjoni numru 1 tal-Licenzja tal-Kacca fir-Rebbiegha 2014 u dan bi ksur tar-Reg. 12 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat L.S.504.71;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2015, li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha wara ammissjoni u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' elf ewro (€1,000) u ordnat is-sospenzjoni tal-licenzji tal-kacca tieghu ghal zmien sentejn;

Rat ir-rikors tal-appell tal-akkuzat Andrea Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 t' April, 2015, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' htija, tvarjaha in kwantu l-piena, billi minflok il-piena ta' multa ta' elf Ewro (€1,000) u

sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sentejn, tissostitwixxi il-piena b'wahda aktar ekwa u gusta;

Semghet lid-difensur tal-appellant u lill-Avukat Generali;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-imputat misjub hati fuq ammissjoni tieghu stess u bazat fuq il-gravami singolari li l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wahda eccessiva.

2. Jinghad minnufih u bla ebda ezitazzjoni illi l-appell huwa wiehed fierah u ma jimmeritax li jkun milqugh. Dan ghaliex, kif jiddemostraw l-atti, l-appellant kien misjub hati li kien fil-pussess ta' speci ta' ghasafar protetti mil-ligi minghjar ma kienu debitament registrati kif jitlob l-Avviz Legali 79 tal-2006 kif emendat u ta' kacca tal-istess ispeci. Ghall-kull wahda mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, l-appellant kien possibilment espost ghal-piena tal-multa ta' mhux anqas minn €500 u mhux aktar minn €5000 bis-sospensjoni tal-licenzja ghal-zmien ta' mhux anqas minn sentejn u mhux aktar minn hames snin u jekk l-ahhar imputazzjoni tkun interpretata b'mod li kien ikkaccja jew jipprova jikkaccja minghajr licenzja allura l-piena hija dik ta' €700 minimu u €15,000 massimu;

3. L-appellant kien ikkundannat ihallas multa ta' €1000 bil-konsegwenzjali telfien tal-licenzji tieghu ghal-perjodu ta' sentjen u l-konfiska tal-oggetti esebiti. Issa, jekk wiehed iqis biss illi ghall-pussess tal-ghasafar ibbalzamati u l-kacca fuq tajr, lkoll protetti, l-appellant

kien soggett ghal-piena minima ta' €500 u dik massima ta' €5000, allura l-piena hija ferm vicin il-minimu preskritt. Dan ifisser illi l-piena inflitta kienet fil-parametri tal-ligi;

4. Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tiddikjara l-appell bhala wiehed fierah fit-termini tal-artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appelant ghal-piena ta' mitt ewro (€100) ammenda, tichad l-appell u konsegwentement t-terminu ta' sentejn sospensjoni tal-licenzji jew permessi tieghu mahruga taht l-Avviz Legali 79/2006 kif emendat u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jibda' jiddekorri mil-lum.